# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03

Il-Ħamis 29 t'Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Saviour Borg – Sindku
Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Jonathan Cefai - Kunsillier
Carmel Farruġia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Talba

03.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 03.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

03.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 03.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

03.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 2 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

03.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

03.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef, rigward il-minuti 02.7.12, ġibed l-attenzjoni li għalkemm kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri għandu jitniżżel fil-minuti li hu ma kienx qabel li tintbagħat dik l-ittra. Kien hemm qbil mill-membri li ssir din il-korrezzjoni.

03.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

03.4.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar korrispondenza li rċieva sabiex jiġu kkonfermati l-Membru Effettiv u l-Membru Sostitut li ser jirrapreżentaw il-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex. Is-Sindku s-Sur Saviour Borg aċċetta li jservi bħala Membru Effettiv u l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri aċċettat li sservi bħala Membru Sostitut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

03.4.2 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ, għarraf lill-membri tal-Kunsill li sar ix-xogħol ta' ħasil tal-*belvedere* ta' Triq ta' Mulejja, kif ukoll tnaddaf il-*culvert* tal-istess post.

03.4.3 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li waslet konsenja ta' boroż tar-riċiklaġġ li ngħataw mill-iskema GreenPak u ser jinħareġ avviż biex ir-residenti jkunu jistgħu jiġbru dawn il-boroż mill-Kunsill.

03.4.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri tal-Kunsill li ġiet varata l-paġna tal-*Facebook* bl-isem 'Il-Fontana Local Council' u ħeġġeġ lir-residenti biex isegwu din il-paġna sabiex il-Kunsill iżomm aktar kuntatt fil-qrib magħhom.

03.4.5 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri dwar laqgħa li talbet il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Dr Justyne Caruana rigward is-servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn li hi skedata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fit-3.30pm.

03.4.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri tal-Kunsill li wara li saru diversi talbiet biex jerġgħu jinżebgħu l-marki stradali fi Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan li huma taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali, ix-xogħol fuq dawn it-toroq beda llum. Huwa ssuġġerixxa biex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jinżebgħu l-marki stradali tat-toroq l-oħra fil-lokalita' mill-istess ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill jipprovdi l-materjal. Kien hemm qbil dwar dan.

03.4.7 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri l-Kunsill għamel rapport fuq tappiera miksura f'bankina fi Triq il-Għajn, fuq is-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

03.4.8 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li ntbagħtet it-talba għal rifużjoni lil WasteServ Malta Ltd ta' €2,973.60 b'konnessjoni mal-kompetizzjoni 'Organic Waste Project' fejn il-Kunsill Lokali Il-Fontana kklassifika fit-tieni post u kien xtara seba' *bins* is-sena l-oħra. Huwa nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva l-istess premju għal sena oħra konsekuttiva u qal li l-Kunsill irid jieħu parir mill-istess WasteServ Malta Ltd biex jagħtuna suġġerimenti dwar f'hiex il-Kunsill jista' jonfoq dawn il-fondi peress li m'għandniex bżonn aktar *bins*. Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai staqsa jekk il-Kunsill jistax jixtri l-*photocopier/printer* b'dawn il-fondi. Kien hemm qbil sabiex niċċekjaw ma' WasteServ Malta Ltd, jekk dan hux possibli.

Kunsill Lokali Il-Fontana

03.4.9 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li hu ġie mgħarraf li l-*performance bonus* tal-Eks Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech li serviet fil-Kunsill fis-sena 2018 kien għadu ma tħallasx minkejja li kien approvat f'laqgħa preċedenti fil-bidu ta' din is-sena u ma nħadimx l-ammont dovut. Dan ser jitħallas fl-iskeda li jmiss.

03.4.10 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, ressaq suġġeriment sabiex il-plakka tal-bronze tal-monument tas-sajjieda li hemm fuq l-ispazju miftuħ tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku għandha bżonn titnaddaf. Għal dan ix-xogħol ser jitqabbad is-Sur Raymond Bonello. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

03.4.11 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li sar xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex fi Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan.

03.4.12 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva d-*dog litter bin* li kien ġie approvat u ordnat aktar kmieni din is-sena. Wara diskussjoni bejn il-membri biex jiġi identifikat post fejn jitwaħħal, kien hemm qbil li dan isir fejn il-*bin* li hemm bħalissa fi Triq l-Isptar San Ġiljan minħabba li mhu qiegħed quddiem l-ebda residenza u ma jagħti fastidju lil ħadd.

03.4.13 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jagħmel żewġ qsari tal-irħam minflok dawk li hemm tal-plastik quddiem in-niċċa tas-Salvatur fi Triq il-Għajn. Għal dan ix-xogħol ser jitqabbad il-marmista s-Sur Raymond Bonello. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dan.

03.4.14 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li waqt l-elezzjoni ta' Mejju li għadda, fejn il-Kunsill kera s-sala tal-komunita' lill-Uffiċċju Elettorali sabiex isservi bħala post ta' votazzjoni, il-Kunsill sofra xi danni. Dawn id-danni ġew ikkawżati mill-ħaddiema tal-uffiċċju elettorali wara li waħħlu posters mal-ħajt tas-sala u meta neħħewhom inqala' ż-żebgħa tal-ħajt. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo kien talab għal kumpens ta' €100 ta' dawn id-danni. Wara diversi korrispondenza mad-Direttur tal-Uffiċċju Elettorali s-Sur John Galea, id-Direttur informa lill-Kunsill li jekk irid imexxi l-każ, dawn il-flus ser jitnaqqsu mill-paga tal-ħaddiema minħabba li m'għandhomx fond għall-ħsarat li jista' jinqala' fil-postijiet tal-votazzjoni. Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ma

Kunsill Lokali Il-Fontana

qabilx li dawn għandhom jittieħdu mill-paga tal-ħaddiema iżda l-maġġoranza tal-Kunsilliera qabblu li l-Kunsill kera s-sala lill-Uffiċċju Elettorali u jekk saret il-ħsara l-kumpens għandu jingħata minnhom irrispettivament x'metodu ser jużaw biex iġibu dawn il-fondi.

03.4.15 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-Kunsill li hu rċieva erba' ittri mingħand il-Kappillan il-ġdid.

- Ittra datata nhar is-6 t'Awwissu 2019 biex il-Kappillan jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill fejn kien hemm qbil mill-membri li ssir din il-laqgħa nhar it-30 ta' Settembru 2019 fl-4.30pm. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Josephine Camilleri ssuġġeriet sabiex il-Kunsill jagħmel ftit *refreshments* għal waqt din il-laqgħa, filwaqt li s-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jippreżenta kopja tal-ktieb 'Il-Fontana u Ġrajjietha' li ġie ppublikat f'għeluq il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, lill-Kappillan f'din l-okkażżjoni. Kien hemm qbil dwar dawn is-suġġerimenti.
- Ittra datata nhar it-12 t'Awwissu 2019 fejn il-Kappillan qed jissuġġerixxi li ssir SportsFest mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni mal-Parroċċa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan, il-Kunsill ser jieħu ħsieb jipprovdi t-*trophies* għall-parteċipanti.
- Ittra datata nhar is-26 t'Awwissu 2019 biex il-Kappillan jinforma lill-membri tal-Kunsill bid-dati tal-iSportsFest li ser ikun bejn is-16 u t-18 ta' Settembru 2019. Il-Kunsill innota dan.
- Ittra datata nhar is-26 t'Awwissu 2019 fejn il-Kappillan qed jitlob il-permess biex nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2019, f'jum il-pussess tiegħu bħala Kappillan ta' din il-parroċċa juża s-sala tal-komunita' għar-riċeviment li ser jagħmel f'din l-okkażjoni. Kien hemm qbil dwar dan. Fl-istess ittra huwa stieden lill-membri tal-Kunsill għal Jum il-Pussess kif ukoll għall-festa parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu li ser taħbat nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019.

03.4.16 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri dwar ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana biex jitolbu permess għall-attivita' 'Wine Festival' li ser jorganizzaw nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019 bejn it-8pm u nofsillejl fi Triq Ta' Mulejja quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Josephine Camilleri qalet li ma taqbilx li din l-attivita' ssir f'dak il-post minħabba li r-residenti li joqogħdu f'din it-triq mhux ser ikollhom l-aċċess liberu għal darhom. Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef qal li lanqas jaqbel li l-

Kunsill Lokali Il-Fontana

palk isir quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill iżda ppropona sabiex il-palk isir fi Triq ta' Mulejja aktar l-fuq mit-triq u l-aċċess jingħalaq biss waqt l-attivita' jiġifieri bejn 8pm u nofsillejl. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg qal li peress li t-triq għandha aċċess min-naħa waħda, m'huwiex il-post addattat għal din l-attivita' minħabba li r-residenti ta' din it-triq ser jagħmlu qrib 24 siegħa ma jistgħux jidħlu u joħorġu bil-vetturi tagħhom u jista' jinqala' xi każ ta' emergenza u ma jkunx hemm aċċess għall-vetturi bħal *fire engine* u ambulanza.
Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil unanimu tal-membri sabiex ma jingħatax il-permess hekk kif mitlub jiġifieri quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill, iżda jinstab post alternattiv bħal quddiem il-Knisja Parrokjali jew Pjazza l-Għejjun.

03.4.17 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li minħabba ħsarat li l-Kunsill kien ġarrab fis-Sala tal-Komunita' mill-kuntrattur mqabbad mill-kumpanija Mica Med Ltd kienet ġabet il-fanali l-Kunsill u daħlu bl-inġenji fis-sala tal-komunita', il-Kunsill ma kienx ħallas il-kont kollu lil din il-kumpanija u żamm ammont pendenti sakemm jiġi kkalkulat l-ammont kollu ta' ħsarat li l-Kunsill ġarrab. Is-Sindku qal li bħala spejjeż kienu jinvolvu : is-servizz ta' perit li ddetermina l-ħsarat li kien hemm €96.76, ix-xiri ta' gradi tal-ilma għal quddiem il-bieb tas-sala €51.32, provvediment ta' madum li jaqbel ma li kien hemm €100, u spejjeż ta' xogħol biex inbidel il-madum u l-culvert tal-ilma ta' quddiem il-bieb €380.49. Total ta' €628.57. Minbarra dawn, kien hemm ukoll ħlas lill-avukat Dr Jean Paul Grech €359.90, li bi qbil mal-Kunsill tħallas direttament mill-kumpanija MicaMed Ltd.

03.4.18 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg talab sabiex il-Kunsill jaħseb jixtri għaxar lampi oħra għall-fanali dekorattivi li hemm f'diversi toroq, minħabba li sitta biss fadal mit-tnax li l-Kunsill kien xtara. Dan sabiex ma jerġax ikun il-każ li l-Kunsill jispiċċa mingħajr bozoz f'eventwalita' ta' ħsarat fil-fanali dekorattivi. Kien hemm qbil dwar dan.

03.4.19 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-Kunsilliera li l-ġita fi Sqallija kif kienet maħsuba biex issir nhar l-14 u l-15 ta' Settembru 2019 sfortunatament mhux ser tkun possibbli li ssir. Dan minħabba dewmien biex il-Kunsill irċieva l-program għal din il-ġita u b'hekk se jkun hemm żmien limitat biex jintbagħat l-avviż. Is-Sindku propona sabiex nibdew naħsbu u jinħareġ l-avviż malajr biex din il-ġita ssir nhar l-1 ta' Novembru 2019 sat-3 ta' Novembru 2019 u nżuru l-Fiera Dei Morti

Kunsill Lokali Il-Fontana

flimkien ma' postijiet oħra ta' interess mal-EuroTours. Kien hemm qbil dwar dan.

## 03.5 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi skala 15;

03.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li wara li saret talba lid-Direttur tal-iskema *Community Workers Scheme Enterprise Foundation* kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis għall-għajnuna biex jiġi ngaġġat skrivan fi skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, it-talba ma ġietx milqugħa mid-Direttur tal-iskema s-Sur Kenneth Cutajar minħabba nuqqas ta' riżorsi umani disponibbli, filwaqt li s-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis irrefera l-kas lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda l-Kunsill ma ngħata l-ebda risposta. Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai, kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex fil-laqgħa ta' mal-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Justyne Caruana issir talba lilha wkoll. Il-membri qablu li jekk di nit-talba ma tiġix milqugħa toħroġ is-sejħa għall-skrivan fi skala 15 fuq bażi *part-time (flexi hours)*.

## 03.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: FLC/03/2019 - *Service tender for the collection of mixed household waste in an environmentally friendly manner*;

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019. Kien hemm żewġ offerti :
Chris Gatt €329,680.00 (fuq erba' snin)
Tan-Nahli Waste Collector €108,160.00 (fuq erba' snin)

03.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax minħabba l-fatt li taqbeż il-budget allokat b'152%.

03.6.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li din l-offerta terġa' tiġi ppublikata fejn it-tul tal-kuntratt tas-servizz ikun għal sena waħda bil-possibilta' li jiġġedded għat-tieni sena. Is-Sindku rrimarka dan biex ma jerġax jiġri bħalma ġara f'din is-sejħa fejn il-Kunsill kien qabel li toħroġ għal sena bil-possibilta' li tiġġedded għal sena oħra iżda u filfatt ħarġet bil-possibilta' li tiġġedded għall-erba' snin. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg qal li fis-sena 2022 l-offerti tal-ġbir tal-iskart ser ikunu maħruġa mir-Reġjun Għawdex għall-Kunsilli kollha t'Għawdex biex

Kunsill Lokali Il-Fontana

jinġab l-aħjar prezz. Is-Sindku qal li hemm bżonn jiġi determinat kemm il-numru ta' residenza hawn fil-lokalita' kif ukoll issir pjanta tas-siti fejn hemm il-*bins* inkluż id-*dog litter bins* sabiex dawn ikunu nklużi fis-sejħa tal-offerti u jitbatlu regolarment mill-kuntrattur.

## 03.7 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2019 - Marzu 2019, u, April 2019 - Ġunju 2019;

03.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapporti finanzjarji tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Marzu 2019, kif ukoll mill-1 t'April 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019.

03.7.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-rapporti finanzjarji tat-tlett xhur : Jannar 2019 – Marzu 2019 u April 2019 – Ġunju 2019 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 03.8 Is-sitwazzjoni tal-*photocopier/printer* tal-Kunsill;

03.8.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg spjega lill-membri s-sitwazzjoni tal-*photocopier/printer* tal-Kunsill fejn preżentament il-Kunsill ma jistax jagħmel użu kif mixtieq minn din il-*photocopier/printer*. Wara korrispondenza mis-Segretarju Eżekuttiv ma' GRENKE Renting Ltd., din il-kumpanija, li qed toffri *lease* tal-*photocopier/printer* għall-Kunsill, ressqet suġġeriment sabiex il-Kunsill ikun jista' jittermina l-kuntratt preżenti minħabba li l-ħsara li għandha ma tissewwiex.

03.8.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex GRENKE Renting Ltd. li hija marbuta b'kuntratt sal-aħħar ta' Settembru 2020, iżżomm mal-kuntratt u tipprovdi *photocopier/printer* oħra fi żmien sebat ijiem minn meta nibagħtulhom il-komunikat u li tkun tiffunzjona kif mixtieq u kif maqbul fil-kuntratt. Jekk din il-kumpanija ma żżommx ma dan il-ftehim, il-Kunsill għandu jressaq l-ilment tiegħu lid-Dipartiment tal-Konsumatur. Kien hemm qbil mill-membri wkoll sabiex il-kontijiet pendenti ma' Forestals Ltd. jitħallsu kollha kif ukoll tinxtara *printer* żgħira biex il-Kunsill jinqeda' fil-bżonnijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 03.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

03.9.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b'approvazzjoni biex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq il-Għajn faċċata ta' Triq Ta' Mulejja. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ġab kwotazzjonijiet għall-provvediment tal-mera tat-traffiku, kien hemm qbil mill-membri kollha preżenti sabiex jinxtraw tlett mirja tat-traffiku minħabba li l-prezz tagħhom kien vantaġġjuż.

03.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli jaħtru Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali li qegħdin minn skala 11 'il fuq. Kien hemm qbil li ssir talba lid-dipartiment sabiex tinbagħat lilna lista ta' dawn l-impjegati.

03.9.3 Il-Kunsill kien irċieva talba minn GAGF sabiex issir laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill ikun mgħarraf xi skemi ta' fondi Ewropej ser jinħarġu fiż-żmien li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din il-laqgħa saret u l-fondi li ser jinħarġu jridu japlikaw għalihom bi sħab ma' Kunsill Lokali ieħor.

03.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex bil-kunsens tal-Kunsilliera eletti, is-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet kif ukoll l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jkollu d-dettalji personali tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex l-informazzjoni tagħhom tgħaddi għand is-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet kif ukoll għand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

03.9.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarjat għall-Gvern Lokali u l-Komunitajiet sabiex il-Kunsilli Lokali jfakkru *Pink October* fil-lokalita' billi jixegħlu xi post prominenti bil-kulur *pink*. Kien hemm qbil mill-membri li jinxtegħlu l-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u r-replika tal-Għajn tal-Loġoġ.

03.9.6 Il-Kunsill irċieva komunikat mir-Reġjun Għawdex biex jinforma lill-Kunsilli Lokali li s-sejħa tal-offerta għas-servizz ta' *Data Protection Officer* ġiet konkluża u ġie ffirmat il-kuntratt mal-orħos offerent li huwa l-kumpanija *M2 Company Ltd.* Ir-Reġjun Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali li l-ispiża tal-Kunsilli għal dan is-servizz ser tkun ta' €300 ta' darba biex isir *Data Protection Audit, Risk Assessment* u *GDRP Compliance Plan*, u €300 fix-xahar għal tnax-il xahar (bil-possibilta' li jiġġedded sena

Kunsill Lokali Il-Fontana

b'sena sa' massimu ta' erba' snin) biex jaqdi d-dmirijiet ta' *Data Protection Officer* bir-responsabiltajiet kollha konnessi ma' dan l-irwol. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jiġi iffirmat dan il-kuntratt mir-Reġjun Għawdex f'isem il-Kunsill Lokali tal-Fontana.

03.9.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn WasteServ Malta Ltd b'kuntratt biex jiġi ffirmat bejn WasteServ Malta Ltd u l-Kunsill Lokali Il-Fontana sabiex il-Kunsill jibda jkollu rifużjoni tal-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart organiku li jsir fil-lokalita'. Kien hemm qbil li dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

03.9.8 Ilment Nru. 01/2019 – V. Xerri
Jitlob sabiex jitneħħa l-bin li hemm faċċata tar-residenza tiegħu fi Triq l-Isptar San Ġiljan minħabba li qed ikun mimli bil-boroż taż-żibel. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex minflok jitneħħa, jibda jitbattal aktar ta' spiss mill-kuntrattur. Għal dan il-għan ser tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

03.9.9 Ilment Nru. 02/2019 – M. Sammut
Titlob sabiex jitnaddfu l-water culverts li hemm fi Sqaq Bieb il-Għajn qabel jibda l-istaġun tax-xita. Kien hemm qbil dwar dan.

03.9.10 Ċirkulari AKL 2019/079 – Stqarrija AKL 05/2019 L-Indafa Pubblika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.11 Ċirkulari AKL 2019/080 - Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.12 Ċirkulari AKL 2019/081 - European Mobility Week - Small Events and Activities Competition. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.13 Ċirkulari AKL 2019/082 - Stackable Waste Separation Bins. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.14 Ċirkulari AKL 2019/083 - TM Launching a new mobile application called My Malta Plan. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.15 Ċirkulari AKL 2019/084 - Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.16 Ċirkulari AKL 2019/085 - My Malta Plan App. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

03.9.17 Ċirkulari AKL 2019/086 - Żoni Problematiċi fil-Lokalita' - Kontroll tal-Ħamiem. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat ir-risposta tal-problemi ta’ nuqqas ta’ kontroll tal-ħamiem fi Triq Mons Mikiel Buttigieg, Triq il-Kappillan Hili kif ukoll fi Triq il-Għajn.

03.9.18 Ċirkulari AKL 2019/087 - EU Consultancy – MEUSAC. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.19 Ċirkulari AKL 2019/089 – Aħbar tal-mewt ta’ Francis Catania Ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Żabbar. Il-Kunsill innota l-kontenut u l-membri bagħtu l-kondoljanzi lill-familja f’dan il-mument ta’ sogħba.

03.9.20 Ċirkulari AKL 2019/090 – Aħbar tal-mewt ta’ Omm is-Sur Joseph Abela Galea, Sindku fil-Kunsill Lokali ta’ Ħal Tarxien. Il-Kunsill innota l-kontenut u l-membri bagħtu l-kondoljanzi lill-familja f’dan il-mument ta’ sogħba.

03.9.21 Ċirkulari AKL 2019/091 - Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.22 Ċirkulari AKL 2019/092 - Rapport mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Rapport maħruġ mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali rigward il-ħaddiema mal-CWSEF. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.23 Ċirkulari DLG 15/2019 - Riforma Gvern Lokali - Emenda fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) - sistema tal-Petty Cash. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.24 Ċirkulari DLG 16/2019 - Riforma Gvern Lokali - Tħassir tar-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.9.25 Ċirkulari DLG 17/2019 - KomunitajietCopied tos - fuq id-Direttivi/Ċirkularijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 03.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

03.10.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 03.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

03.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2019 għall-perjodu bejn il-23 ta' Lulju 2019 u d-29 t'Awwissu 2019 li tammonta għal €16,466.03 ġiet approvata u ffirmata.

## 03.12 Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri mis-Sindku ;

03.12.1 Is-Sindku assenja dawn ir-responsabbiltajiet u d-dekasteri lill-Kunsilliera hekk kif ġej :
Is-Sindku s-Sur Saviour Borg : L-Indafa, l-Innovazzjoni, l-Infrastruttura, il-Proġetti, l-Anzjani, il-Kultura, il-Qasam Soċjali, l-Integrazzjoni Soċjali;
Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri: Iż-Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet Fiżiċi ;
Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef : L-Ambjent;
Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai: L-Edukazzjoni u l-Arti;
Il-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia : Il-Ħarsien tal-Annimali.

03.12.2 Is-Sindku fakkar li fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli, liema rapporti għandhom jiġu nklużi fir-Rapport Amministrattiv.

## 03.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019.

Kunsill Lokali Il-Fontana

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| Saviour Borg | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |